16 ta' Jannar 1950.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Angela sive Angelica Ellul** *versus* **Antonio Ellul Lanfranco et.**

## Dotarju — Ipoteka — Renova — Mara — Art. 2138, 2158 u 2159 tal-Kodiċi Ċivili.

*L-ipoteka, legali, ġudizzjali jew konvenzjonali, tieħu l-grad tagħha mill-jum ta' l-inskrizzjoni tagħha fir-Reġistru Pubbliku, u ma tibqax isseħħ wara 30 sena minn dik id-data jekk ma tiġix imġedda qabel ma jagħlaq dak iż-żmien ta' 30 sena. Imma l-ipoteka legali tal-mara miżżewġa hija eżenti mill-obbligu tar-rinnovazzjoni sa sena wara li jinħall iż-żwieġ.*

*Dina l-eċċezzjoni però ma testendix ruħha għad-dotarju; u għalhekk dik l-ipoteka ma tibqax isseħħ jekk ma tiġix rinnovata qabel ma jgħaddu 30 sena mill-inskrizzjoni tagħha, u jekk tiġi mġedda wara l-għeluq ta' dak iż-żmien, ikollha l-effett ta' ipoteka ġdida li tieħu l-grad tagħha ta' pożjorità mid-data tar-rinnovazzjoni.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija tinsab kreditriċi tal-konvenut Antonio Ellul Lanfranco, binha, bħala werriet waħdani ta' missieru Giuseppe Ellul, ġa żewġha, fis-somma ta' £300 lilha mwegħda b'titolu ta' dotarju fl-attijiet tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tas-7 ta' Jannar 1907, kreditu li jinsab inskritt fir-Reġistru Publiku fil-Vol. I, b'ipoteka nru. 66 ta' l-1907, li ġiet imġedda b'ipoteka inskritta fil-Vol. I.R, numru 12 tas-sena 1944; u li fl-attijiet tan-Nutar Angelo Cachia tas-16 ta' Frar 1933, Giovanni Bezzina, missier il-konvenuti Antonio Bezzina, Maria Bezzina, Helen Gauci, Giuseppe Bezzina, u Carmela Buttigieg, żamm f'idejh is-somma ta' £30, 9, 8, prezz ta' kwint indiviż tal-bene stabili li fdak l-att mibjugħa, u obbliga ruħu "expressis verbis" li jħallas dina s-somma lill-kreditur ipotekarju pożjuri ta' l-istess Giuseppe Ellul, ġà żewġ l-attriċi, barra mill-interessi tat-2% fis-sena li jitħallsu flimkien mas-somma msemmija; talbet, previa d-dikjarazzjoni li hija l-kreditriċi ipotekarja pożjuri ta' l-imsemmi żewġha Giuseppe Ellul u per konsegwenza, stante l-mewt

tieghu, tal-konvenut Antonio Ellul Lanfranco binha, bħala uniku werriet ta' missieru, għall-motiv tad-dotarju kif fuq speċifikat, illi l-istess Antonio Ellul Lanfranco, bħala werriet waħdani ta' missieru Giuseppe Ellul, jiġi kundannat iħallas lilha, ommu, is-somma ta' £300 lilha mwegħda b'titolu ta' dotarju fl-ottijiet tan-Nutar *Francesco Giorgio Schembri* tas-7 ta' Jannar 1907, u l-konvenuti l-oħra, bħala werrieta ta' missierhom Giovanni Bezzina, jiġu kundannati jħallsu lilha, għall-motivi fuq indikati, is-somma ta' £39, kwantu għal £30. 9. 8 għal ammont ugwali miżmum minn missierhom Giovanni Bezzina fl-atti Angelo Cachia tas-16 ta' Frar 1933, u kwantu għal £8. 10. 4 bħala interessi bit-tnejn fil-mija fis-sena fuq l-istess somma mid-data ta' dan il-kuntratt sal-15 ta' Frar 1947, barra mill-imgħaxijiet dekorrendi, u dana akkont tas-somma fuq imsemmija ta' £300 lilha spettanti bħala dotarja minn fuq l-assi ereditarju ta' żewġha Giuseppe Ellul. Bl-ispejjeż tal-kawża, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Marzu 1947, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Antonio Bezzina proprio et nomine, Giuseppe Bezzina u Carmela mart l-Avukat Dr. Anton Buttigieg minnu assistita, li biha issottomettew :— Illi huma dejjem lesti biex iħallsu, basta li jħallsu sewwa; illi l-attriċi ma għandha ebda azzjoni diretta kontra tagħhom, għaliex l-awtur tagħha assuma l-obligazzjoni ma' l-awtur tal-konvenut Ellul Lanfranco, u meta huma staqsew lil dana Ellul Lanfranco sabu li huwa ċeda l-istess kreditu lil Alfredo Tonna;

Rat is-sentenza mogħtija fid-29 ta' Jannar 1949 mill-Prim'Awla ta'-Qorti Civili, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba u miċħuda t-tieni talba ta' l-attriċi, u bl-ispejjeż ta' l-ewwel talba kontra l-konvenut Ellul Lanfranco u bl-ispejjeż tat-tieni talba kontra l-attriċi, u ġie meħlus mit-talba ta' l-attriċi l-imsejjaħ fil-kawża bl-ispejjeż kontra l-attriċi; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi jirriżulta pruvat li fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' l-attriċi ma' missier il-konvenut Ellul Lanfranco, ġie mwiegħed lill-attriċi dotarju fis-somma ta' £300, kif jingħad fl-att taċ-ċitazzjoni, u għalhekk it-talba ta' l-attriċi għall-ħlas ta' dak id-dotarju għandha tiġ milqugħa peress li għadu ma ġiex im-

ħallas, u l-ħlas ta' l-istess dotarju għandu jiġi magħmul mill-imsemmi konvenut Ellul Lanfranco bħala eredi ta' missieru, u mhux mill-imsejjaħ fil-kawża Alfredo Tonna, għaliex lil dana ma giex ċedut il-wirt ta' missier il-konvenut Ellul Lanfranco, imma ġew biss ċeduti ċerti krediti, fosthom dak kontra l-konvenuti l-oħrajn bħala eredi ta' missierhom;

Fuq it-tieni talba ta' l-attriċi;

Illi skond il-liġi l-ipoteka, legali, ġudizzjali jew konvenzjonali, ma tieħux grad ħlief minn dak il-jum ta' l-inskrizzjoni (art. 2138 Kodiċi Ċivili), u ma tibqax isseħħ wara tletin sena mid-data tagħha kemm-il darba ma tiġix imġedda qabel ma jagħlaq dak iż-żmien; iżda l-inskrizzjoni ta' l-ipoteka legali favur il-mara hija eżenti mill-obligu tar-rinnovazzjoni sa sena wara li ż-żwieġ jinħall (art. 2158 Kodiċi ċitat);

Illi f'din l-eżenzjoni mill-obligu tat-tiġdid ma hijiex kompriża l-ipoteka għall-ħlas tad-dotarju, għaliex l-imsemmija ipoteka legali favur il-mara mhijiex mogħtija għad-dotarju bil-liġi imma hija biss favur il-mara fuq ħwejjeġ żewġha għad-dota (art. [illegible] Kodiċi ċitat) u fuq ħwejjeġ żewġha għall-beni u kapitali parafernali tagħha trasferiti jew imdaħħla minn żewġha, jew li, quddiemu u bil-kunsens tiegħu, ġew trasferiti jew imdaħħla mill-mara (art. 2123);

Illi għaldaqstant, skond iċ-ċitat art. 2158 tal-Kodiċi Ċivili, l-ipoteka għall-ħlas tad-dotarju ma tibqax isseħħ jekk ma tiġix rinnovata qabel ma jgħaddu tletin sena mill-inskrizzjoni tagħha; u jekk tiġi mġedda wara l-għeluq ta' dak iż-żmien, ikollha effett ta' ipoteka ġdida li tieħu grad mid-data tar-rinnovazzjoni (art. 2159 Kodiċi ċitat);

Illi l-ipoteka favur l-attriċi in garanzija tal-ħlas tad-dotarju indikat fl-att taċ-ċitazzjoni ġiet inskritta fit-8 ta' Jannar 1907, u ma ġietx rinnovata qabel il-21 ta' April 1944, jiġifieri ġiet rinnovata wara seba' snin li kienu għaddew it-tletin sena; u allura, skond il-liġi (art. 2159 fuq ċitat) din l-ipoteka tieħu grad mill-21 ta' April 1944, data li fiha sar it-tiġdid tagħha; u xejn ma jimporta għal dan ir-rigward il-fatt li l-jedd ta' l-attriċi kien sospiż mill-kondizzjoni tas-sopravvivenza tagħha, għaliex dik iċ-ċirkustanza timporta biss, skond il-liġi, li anki l-ipoteka kienet taħt kondizzjoni (art. 2119 Kodiċi ċitat). Il-liġi ma tiddisponix diversament minn

dgk li fuq espost għar-rigward ta' dawn l-ipoteki kondizzjonali dwar l-inskrizzjoni tagħhom fir-Reġistru Publiku, il-grad tagħhom, iċ-ċessazzjoni ta' l-effett tagħhom, u l-jum li minnu jibda grad f'każ tat-tiġdid wara li jkun għalaq iż-żmien stabbilit għall-ħajja tagħhom;

Illi għalkemm stant, ġa la darba l-ipoteka ta' l-attriċi għall-ħlas tad-dotarju tieħu l-grad tagħha mill-21 ta' April 1944, l-attriċi ma hijiex l-ewwel kreditriċi; għaliex, skond il-provi li saru, hemm kreditu qabel tagħha li għandu favur tiegħu ipoteka li tieħu l-grad tagħha mill-1 ta' Lulju 1913, peress li dik l-ipoteka ġiet rinnovata fl-14 ta' Ġunju 1943, jiġifieri qabel ma għalaq iż-żmien li fih dik l-ipoteka setgħet tibqa' sħiħa skond il-liġi; u kwindi t-tieni talba ta' l-attriċi kontra l-konvenuti eredi ta' Giovanni Bezzina ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, li biha dina appellat quddiem din il-Qorti mis-sentenza fuq imsemmija mogħtija fid-29 ta' Jannar 1949 mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili;

Rat il-petizzjoni ta' l-attriċi appellanti, li talbet ir-riforma tas-senenza appellata, fis-sens li tiġi konfermata fejn laqgħet l-ewwel talba u kkundannat lill-konvenut Antonio Ellul Lanfranco jħallas lilha £300 b'titolu ta' dotarju, u li tiġi revokata fejn ċaħdet it-tieni talba għal-kundanna tal-konvenuti aħwa Bezzina għall-ħlas ta' £39 barra mill-imgħax korrenti ta' 2% fis-sena, u dana in restituzzjoni ta' £30. 9. 8 u l-ikri relativi li l-awtur tagħhom Giuseppe Bezzina żamm f'idejh fuq l-att tal-bejgħ riċevut minn Nutar Angelo Cachia fis-16 ta' Frar 1933, u billi jiġi ritenut u deċiż illi d-dewmien f'dana l-każ huwa imputabili lilhom biss talli ma żammewx l-impenji assunti mill-istess Giuseppe Bezzina fil-kuntratt fuq imsemmi, u anki għaliex hija l-ewwel kreditriċi ipotekarja ta' l-assi ereditarju ta' żewġha, u per konsegwenza jiġu l-istess konvenuti aħwa Bezzina bħala werrieta ta' missierhom kundannati jħallsu lill-attriċi £39, barra mill-imgħax li jridu jħalqu, akkont tad-dotarju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Ikkunsidrat;

Illi kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-ipoteka legali li l-liġi tagħti lill-mara miżżewġa ma testendix għad-dotarju. L-ipoteka tad-dotarju hija konvenzionali, u jekk l-inskrizzjo-

ni tagħha għeluq it-tletin sena ma tiġix imġedda, titlef l-effett tagħha. Fil-każ ta' l-attriċi l-inskrizzjoni ma ġietx imġedda qabel għeluq it-tletin sena, u ġiet imġedda biss fil-21 ta' April 1944; hija ma tistax tieħu grad ta' pozjorità ħlief mid-data ta' meta ġiet imġedda, i.e. 21 ta' April 1944. Pozjori għal dik l-ipoteka ta' l-attriċi l-lum hemm ipoteka oħra li ġiet imġedda fl-14 ta' Ġunju 1943. Għaldaqstant sewwa qatgħet l-Ewwel Qorti li ċaħdet it-tieni talba ta' l-attriċi appellanti;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li dina l-Qorti tħaddan f'din is-sentenza, taqta' l-kawża billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-kapi devoluti quddiemha; u f'dan is-sens tirriġetta l-appell ta' l-attriċi appellanti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

---